**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-1 ta' Marzu 2021**

**Rik. Gur. Nru: 120/2020 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**LS**

**Vs.**

**[i] RS**

**[ii] DS**

**[iii] CS**

**[iv] Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kul interess li jista jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' LS, datat 21 ta' Awwissu 2020, a fol 1 jaqra hekk:

1. *Illi l-esponent u l-intimata RS zzewgu fl- ghaxra (10) ta' Frar 1979 skont ma jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. LS1*

2. *Illi tul dan iz-zwieg twieldu disgha t'itfal.*

3. *Illi fl-ahhar ta' Mejju, 2020, wara divverbju bejnu u martu, nibet fl-esponent dubju serju dwar il-paternita` ta' tnejn mill-ulied li twieldu waqt iz-zwieg u cioe` DS, li twieldet nhar X u CS li twieled Y [vera kopja tac-certifikati tat-twelid qeghdin jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bħala Dok. LS2 u LS3 rispettivament];*

4. *Illi fit-12 ta' Mejju 2020, ir-rikorrent u z-zewg ulied in kwistjoni, u cioe` DS u CS ssottomettew rwiehhom ghat-testijiet genetici, li effettivament ikkonfermaw id-dubju tal-esponent u cioe` li z-zewg ulied m'humiex l-ulied bijologici tieghu u dan skont iz-zewg rapport redatti minn Dr. Marisa Cassar Laboratory and Technical Manager fi ħdan MLS BioDNA Limited, hawn annessi u mmarkati bħala Dok. LS4 u LS5 rispettivament;*

5. *Illi ghalhekk jirrizulta li minkejja li l-intimati DS u CS twieldu tul iz-zwieg u gew registrati bhala ulied l-esponenti, l-istess m'humiex l-ulied naturali tieghu u twieldu frott ta' relazzjoni extra- konjugali li l-konvenuta RS kellha ma' terza persuna u cioe EF;*

6. *Illi ghalhekk l-esponent ghandu interess illi l-ulied hawn imsemmija ma jibqghux maghrufa bhala uliedu;*

7. *Illi permezz tar-rikors tas-sebgha (7) t'Awissu 2020, l-esponenti talab lil dina l-Onorabbli Qorti taghtih il-permess illi jipprocedi b'din il-kawza, a tenur tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Qorti laqghet din it-talba permezz ta' Digriet ta' l-ghaxra ta' Awissu, 2020 hawn anness u mmarkat bhala Dok. LS6.*

8. *Illi dawn il-fatti kif hawn fuq dikjarati, huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti;*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti, ghar-ragunijiet premessi, jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgoboha prevja kull dikjarazzjoni u kull test necessarju u bl-opra, okkerrendo ta' periti nominandi tiddikjara illi:*

*(a) L-esponent LS m'huwiex il-missier naturali ta' DS li twieldet X u CS li twieled Y u dana ghar-ragunijet fuq imsemmiha u konsegwentament;*

*(b) Tordna lill-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq l-att tat- twelid ta' DS (li twieldet X) u CS (li twieled Y) kull referenza ghall-esponent LS senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier l-esponenti u jekk missier tal-*

*esponenti huwiex haj jew mejjet, l-eta tal-esponenti u kwalsiasi taghrif iehor, relattiv ghall-esponent u li jidher mill-atti tat-twelid citati u dan previa kull dikjarazzjoni jew provvediment iehor li lilha jidrulha xierqa u opportuni;*

*(c) Tordna lid-Direttur tar-Regsitru Pubbliku jaghmel dawk il-kancellamenti opportuni f'kull att sussegwenti.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, komprizi ukoll dawk tal-atti tar-rikors generali numru 250/2020AL ghall-awtorizzazjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 4 ta' Settembru 2020, a fol 20 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari, l-esponent qiegħed jassumi illi din il-kawża ġiet intavolata ai termini tal-***Artikolu 70, sub-inċiż (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** *stante li l-kawża istanti si tratta proprju denegata paternita';*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li huwa mhuwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi r-rikorrent jeħtieġlu primarjament jipprova u jissodisfa minn talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-***Artikolu 70, sub-inċiż (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta***. Għal dan l-għan, ir-rikorrent esebixxa r-rapporti ta' testijiet ġenetiċi ai termini tal-***Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta***, li jindikaw li huwa mhuwiex il-missier naturali tal-intimati DS u CS. Nonostante dan, jidher li jonqos li tali rapporti jiġu maħlufa mit-tekniku li wettqet l-istess testijiet;*

4. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhom jassumu l-intimati DS u CS***;**

5. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jirrileva li huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem LS, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, għandhom flimkien mal-konnotati tar-rikorrent jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid tal-intimati DS u CS;*

6. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u għaldaqstant huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' RS, DS u CS datata 17 ta' Settembru 2020, a fol 24 et seqq., li taqra hekk:

*Illi permezz tar-rikors ġuramentat intavolat nhar il-21 t'Awwissu 2020 intalab jiġi ddikjarat illi:*

a) *L-esponenti LS m'huwiex il-missier naturali ta' DS li twieldet X u CS li twieled Y u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija u konsegwentament;*

b) *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jħassar minn fuq l-att tat-twelid ta' DS li twieldet X u CS li twieled Y kull riferenza għall-esponenti LS senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tiegħu, il-post tar-residenza tiegħu, isem u junjom il-missier l-esponenti u jekk il-missier tal-esponenti huwiex ħaj jew mejjet, l-eta' tal-esponenti u kwalsiasi tagħrif ieħor, relattiv għall-esponent u li jidher mill-atti tat-twelid ċitati u dan previa kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor li jidhrilha xierqa u opportuni;*

*c) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jagħmel dawk il-kanċellamenti opportuni f'kull att sussegwenti.*

*Illi permezz ta' din ir-risposta ġuramentata l-esponenti jiddikjaraw u jirrispondu:*

1. *Illi l-esponenti RS tikkonferma illi hija żżewġet lir-rikorrenti fl-għaxra (10) ta' Frar 1979;*

2. *Illi f'dan iż-żwieġ twieldu disat itfal inkluż l-esponenti DS u CS;*

3. *Illi l-esponenti mhix qed jopponu għall-ewwel talba tal-attur, li mhux il-missier naturali ta' DS u CS;*

4. *Illi l-esponenti ma joġġezzjonawx li l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jħejji l-korrezzjonijiet meħtieġa fl-att tat-twelid, bin-numru ta' iskrizzjoni X ta' DS u Y ta' CS u dan billi jiġu kkanċellati minnu kull fejn jinsabu mniżżla fl-istess att tat-twelid, id-dettalji kollha tar-rikorrent;*

5. *Illi jopponu għat-talba tat-tħassir tal-kunjom "S" mill-att tat-twelid ta' DS u CS kif ukoll dawk sussegwenti għalihom;*

6. *Illi dan għandu jibqa' S u dan għaliex huwa fl-ajar interess tal-konvenuti CS u DS stante li huma magħrufa bil-kunjom S inkluż anke fix-xogħol tagħhom iżda wkoll fl-aħjar interess ta' ulied il-konvenuti DS u CS li huma magħrufa wkoll il-kunjom "S";*

7. *Illi l-esponenti ma għandhomx ibatu l-ispejjez ta' din il-kawza stante illi kienet l-ghazla tal-attur li jieħu responsabilita' legali li jiftah il-proceduri odjerni quddiem dina l-Qorti, sabiex jikkonfema jekk hux il-missier naturali tal-minuri;*

*Tant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti, a savju gudizzju ta' din il-Qorti;*

*Bl-ispejjez kontra l-attur rikorrent li huwa min issa ingunt in subizzjoni.*

Rat illi f'seduta stante tat-30 ta' Novembru 2020, l-partijiet qablu li t-tfal ghandhom jiehdu kunjom ta' Schembri (vide fol 28);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensurti tal-partijiet rigward il-kap tal-ispejjes;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza ta' *denegata paternita'*, permezz ta' liema r-rikorrent qieghed jitlob li jigi dikjarat li m'huwiex il-missier naturali ta' DS u CS. Illi r-rikorrenti zzeweg lill-intimata RS, u cioe omm DS u CS fl-ghaxra (10) ta' Frar 1979 u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg a *fol 5*. Minn dan iz-zwieg twieldu disghat itfal. Illi lejn l-ahhar ta' Mejju tas-sena 2020, wara divverbju li nqala bejn ir-rikorrenti u l-intimata martu, nibet dubju serju fir-rikorrenti dwar il-paternita' ta tnejn mill-ulied u cioe' dik ta' CS li twieled Y u ta' DS li twieldet X u llum ghandhom Y u X rispettivament.

Sussegwentement, ir-rikorrenti flimkien maz-zewg ulied in kwistjoni ssottomettew ruhhom ghat-testijiet genetici, liema testijiet ikkonfermaw id-dubju tar-rikorrenti *stante* li rrizulta li z-zewg ulied in kwistjoni, bhala stat ta' fatt, mhumiex l-ulied bijologici tar-rikorrenti izda huma twieldu frott ta' relazzjoni extra-konjugali li l-konvenuta RS kellha ma' terza persuna.

Illi l-presunzjoni legali illi tarbija koncepita matul iz-zwieg hija l-wild naturali tal-konjugi tal-mara li weldet it-tarbija hija biss presunzjoni *juris tantum* u dan kif ikkonfermat fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Diane Lia proprio et nomine vs Mohamed Melikechi u Direttur Registru Pubbliku***, per Onor. Imhallef Dr.Philip Sciberras:

> ***Jinsab pacifikament stabbilit illi "din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att," (Vol. XXXVII P II pg 768); Fi kliem iehor, "il principio 'pater is est quem iustae nuptiae demonstrant' e` applicabile in senso assoluto al solo caso in cui la filiazione fosse provata coll`atto di nascita` e con un possesso di stato conforme allo stesso… (Vide VOL XXIII P II pg 128)***

Illi sabiex tirnexxi kawza ta' *denegita paternita'* ai termini tal-Artikolu 70 hemm bzonn li jigu sodisfatti tlett rekwiziti:

1. Illi l-kawza intavolata mir-ragel issir kontra martu u kontra l-wild jew kuratur appuntat nominat sabiex jirraprezenta l-interessi tal-wild;

2. Illi l-kawza issir entro t-terminu stabbilit fl-Artikolu 73 (c), u cioe fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija jekk il-konjugi kien jinstab Malta, jew minn dakinhar li l-konjugu jirritorna lura Malta, jew minn dakinhar li jinkixef l-qerq jekk it-twelid ikun gie mohbi mill-konjugi. Fin-nuqqas, huwa wkoll possibli li tigi istwita din il-kawza jekk ir-rikorrent jottjeni awtorizazzjoni mill-Qorti, skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu; u

3. Li ssir prova skont kif stabbilit fl-Artikolu 70 (1) li tindika li r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali ta' dak il-wild.

Il-Qorti rat illi din il-kawza giet istwita mir-rikorrent kontra martu RS u kontra uliedu DS u CS u ghalhekk l-ewwel rekwizit jinsab sodisfatt. Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti prezenta rikors datat 7 t'Awwissu 2020 ai termini tal-artikolu 73, fejn talab l-awtorizzazzjoni sabiex jipprosegwi bil-kawza ai termini tal-artikolu 70 tal-Kodici Civili stante t-trapass ta' aktar minn sitt xhur mit-twelid tal-ulied[1], liema talba giet milqugha permezz ta' digriet datat 10 t'Awwissu 2020. Illi ghalhekk dan ir-it-tieni rekwizit huwa palezament sodisfatt.

Fir-rigward tat-tielet rekwizit, il-Qorti taghraf illi skont l-artikolu 70 (1) (d) u (e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***"Kull konjuġi, ħlief konjuġi li jkun wiled lill-wild, jista' jagħmel rikors sabiex jiċħad li hu l-ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ – [omissis]***

***(d) Jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew***

***(e) Jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur."***

[1] Vide rikors a fol 13.

Il-Qorti rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar, u r-rapport anness mieghu li jindika li t-testijiet genetici li saru fuq DS u CS u r-rikorrenti juru li r-rikorrenti m'huwiex il-missier biologiku ta' DS u CS. Jirrizulta mit-testijiet genetici, li huma l-prova regina f'dawn il-kawzi, maghmula minn Dr. Marisa Cassar, illi r-rikorrent tassew m'huwiex il-missier bijologiku tal-intimati DS u CS. Ghalkemm huwa minnu illi l-intimati DS u CS trabbew mir-rikorrent bhala missierhom flimkien ma' huthom kollha ghal aktar minn tletin sena, il-verita bijologika m'ghandhiex tigi injorata. It-testijiet genetici juru inkonfutabbilment illi r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku taghhom. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrent illi jigi dikjarat m'huwiex il-missier bijolgiku ta' Ds u CS tinsab pruvata.

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta mill-provi mressqa, li r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku tal-intimati Ds u CS u li r-rekwizti kollha necessarji sabiex tkun tista' tigi promossa din l-azzjoni huma sodisfatti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi li t-talbiet tieghu sabiex jigi dikjarat gudizzjarment li huwa mhux il-missier naturali tal-imsemmija intimati huma fondati kemm fid-dritt u kif ukoll fil-fatt u ghaldaqstant jisthoqqu li jigu milqugha.

Fir-rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-intimati DS u CS, indirizzata ukoll fir-raba eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi t-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> ***"Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jew b'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra."***

Il-Qorti rat illi fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2020, *seduta stante* il-partijiet qablu li l-intimati DS u CS ghandhom jiehdu il-kunjom S.[2]

---

[2] Vide fol 28.

Rigward il-kap tal-ispejjez, il-Qorti rat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***

***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi huwa car li l-intimati DS u CS, ulied il-konjugi Schembri, **m'ghandhomx jehlu l-ispejjez ta' din il-kawza**, stante li tul hajjithom kollha, huma trabbew taht it-twemmin li huma ulied ir-rikorrenti u l-intimata ommhom RS. Ghalhekk huwa indiskuss li huma ma jahtu xejn ghas-sitwazzjoni prezenti. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-ispejjes tal-kollha ta'dawn il-proceduri, inkluz ir-rikors datat 7 t'Awwissu 2020, ghandhom ikunu a karigu tal-intimata RS stante li kien l-ghemil taghha li jahti ghal dak li sehh, l-ghemil, li baqa' mistur minnha ghal dawn s-snin kollha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u:**

1. **Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent, LS, m'huwiex il-missier naturali ta' CS u DS, u konsegwentement;**

2. **Tiddikjara illi kunjom l-intimati CS u DS ghandu jkun S;**

3. **Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-att tat-twelid ta' CS, liema att ghandu n-numru Y u dak ta' DS, liema att ghandu n-numru X kull referenza ghar-rikorrent, LS, senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier ir-rikorrent, huwiex haj jew mejjet, l-eta' tar-rikorrent u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghar-**

**rikorrent u li jidher mill-atti tat-twelid citati, filwaqt li wara isem RS fis-sitt kolonna tal-att ta' twelid ta' CS u DS, jitnehhew il-kliem "the said".**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimata RS, inkluz l-ispejjez ghar-rikors ghall-awtorizazzjoni tas-7 t'Awissu 2018 prezentat mir-rikorrenti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**